MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 267/2011

**Appell Nru. 267/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
***Omissis***

**Illum 27 ta' Lulju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Awissu 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra mis-somma ta' LM 3000 li giet fdata jew ikkunsinnata lilha minn Lawrence u Maria Concetta Grima that titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz taghha, jew minahbba depozitu necessarju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Gunju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u kkundannataha tmintax (18) il-xahar prigunerija, li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ sentejn (2).
B’applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, l-Qorti kkundannat lill-appellanti sabiex sa zmien sitt (6) xhur thallas lil konjugi Lawrence u Maria Concetta Grima l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ elfejn, disa` mija u hamsin Lira Maltin (LM2950).
Il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellanti l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.
L-appellanti min-naha taghha ddikjarat li fehmet ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tonqos milli tosservaha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-16 ta’ Gunju, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-
1. Ili l-appellanta giet misjuba hatja hazin wara valutazzjoni skorretta tal-fatti tal-kaz. Illi l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni stess juru li sar ftehim permezz ta’ skrittura privata quddiem Nutar Pubbliku li biha l-appellanta obbligat ruhha li tirrifondi s-somma ta’ LM3,000 li thallset dakinhar mill-konjugi Grima jekk kemm-il darba ghal xi raguni l-adozzjoni ma ssehhx u hija ma tkunx tista` ggib it-tarbija u dan fi zmien xahrejn minn meta tkun innotifikathom bil-miktub f’dan is-sens. L-appellanta ntrabtet li tirrifondi l-imsemmija somma fi zmien dan il-perjodu “should she not deliver the child as agreed or should there be a reason out of her control that renders

her unable to bring the child". Fl-iskrittura privata hemm imnizzel li din il-kitba kienet valida ghal sena. Izda, kontra dawn il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, l-appellanta gabet provi abbundanti li effettivament juru li n-nuqqas min-naha taghha li ggib it-tarbija mill-Pakistan u li tirriforndi l-flus lill-konjugi Grima kien fovut mhux ghal nuqqas volut min-naha taghha li tonora l-ftehim li ghamlet maghhom (u ohrajn bhalu) izda ghal cirkostanzi li jmorru hafna lil hinn mill-kontroll taghha.

2. Illi f'pagna 5 tas-sentenza appellata (fl-ewwel linja) hemm riferenza ghal :- *"fotokopja ta' payment advice datat 7 ta' Frar, 2003 li bl-ebda mod ma jindika li l-flus mghoddija mill-konjugi Grima lill-imputata gew trasferiti l-Pakistan ghal skopijiet ta' adozzjoni. Fi kwalunkwe kaz kif issollevat ben tajjeb il-Prosekuzzjoni dan id-dokument qatt ma gie awtentikat jew ikkonferma minn rapprezentant tal-Bank u ghalhekk ma jikkostitwiex prova ammissibbli".*

Ghalhekk it-tieni aggravju ta' l-appellanta huwa li din l-analizi legali dwar prova krucjali migjuba minnha hija bir-rispett kollu skorretta. Meta tigi pprezentata fotokopja ta' ircevuta ta' bank u din tigi kkonfermata bil-gurmanet mill-persuna li tkun qed tipprezentaha, ma jkunx hemm bzonn li tigi ri-konfermata minn rapprezentant tal-bank, sakemm ma tigix ikkontestata, u dan proprju ghaliex tkun fotokopja attestata bil-gurament mid-deponent li jkun qed jesibiha. Jekk tigi kkontestata, allura iva jigi msejjah rapprezentant tal-bank ghall-finijiet ta' awtentikazzjoni. Izda jekk il-prosekuzzjoni tkun baqghet siekta u ma qajmet l- ebda kontestazzjoni u anke l-Qorti ma tkunx irrimarkat li trid il-prova permezz tar-rapprezentant tal-Bank, fotokopja ta' ircevuta mahruga minn bank li d- deponent qed jikkonferma bil-gurament tieghu hija prova ammissibbli.

3. Illi diskolpa taghha nfisha, l-appellanta qeghda taghmel riferenza wkoll ghal sentenza li nghatat fis-6 ta' Gunju, 2011 li biha l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali lliberatha minn kull imputazzjoni, htija u piena f'kaz identiku ghal dak prezenti. Din l-Onorabbli Qorti osservat hekk :-

"It-tieni aggravju

Dan l-aggravju huwa dwar il-mens rea tal-appellanta. L-argument hu li l- appellanta, kemm waqt

l-istqarrija kif ukoll waqt li qed tixhed, baqghet issostni li hija debitrici lejn il-konjugi Cassar u lesta li thallas meta jkollha l-flus.

L-ewwel problema li ghandha din il-Qorti dwar dan il-kaz huwa x'gara ezatt kemm legalment kif ukoll fattwalment.

Jekk wiehed jifli d-dokument a fol. 37 (il-kuntratt jew skrittura originali), jara li lejn it-tmiem tieghu nsibu dan il-kliem :

*29 ta' Novembru, 2005*
*Dehru l-partijiet u rrexxindew ghal kull fini u effett tal-ligi din l-iskrittura.*

*L-imsemmija* ***Omissis*** *tobbliga ruhha li tirriforndi s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira (Lm5,500) imhallsa lilha mill-komparenti mizzewgin Cassar fuq l-iskrittura privata sal-31 ta' Dicembru 2005.*

Sad-data tad-29 ta' Novembru 2005, l-ewwel kuntratt kien ghadu fis-sehh u t-tliet snin stipulati fih kienu jispiccaw fis-17 ta' Settembru 2007.

Effettivament, il-partijiet nehhew min-nofs l-obbligazzjoni antika – jien intik il-flus u inti ggibli tifla ghall-addozzjoni – u minflok dahlu f'obbligazzjoni ohra. Din id-darba l-obbligazzjoni hija gdida ghal kollox ghaliex issa saru kanonizazzjoni ta' kreditu (fol. 39).

Isegwi li mid-29 ta' Novembru 2005 saret novazzjoni (ai termini tal-artikolu 1179(a) u 1180(2) tal-Kap. 16 li biha ntemmet l-obbligazzjoni li kienet ezistenti qabel u sar kuntratt gdid.

Minn meta sar il-ftehim wiehed ma jistax iqis aktar li hija kwistjoni ta' approprijazzjoni indebita izda hija kwistjoni biss ta' kreditu li ghadu ma giex onorat.
Ghal dan jezistu l-mezzi civili kollha biex dan il-ftehim ikun inforzat bhalma jsir normalment. Kull meta qed tghid li hi lesta li thallas qed awtomatikament tinterrompi jew tirrinunzja ghall-preskrizzjoni li ghaddiet. Mhux kull

obbligu kontrattwali li ma jkunx onorat iwassal bil-fors ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita.

Ghal kull buon fini, l-Qorti hija sodisfatta li l-appellanta sabet ruhha f'sitwazzjoni difficli minhabba li min kelu jmexxi l-fondazzjoni sab ruhu kkundannat kriminalment ghax ma mexiex mal-mandat li kellu. (Ara s-sentenza pprezentata). L-Ewwel Onorabbli Qorti korrettement ikkwotat is-sentenza "Il-Pulizija vs Raymond Falzon" (17.04.1998) meta jsiru promessi ta' hlas. Biss il-fatti f'dak il-kaz mhumiex l-istess bhal tal-lum. Ta' lanqas f'dak il-kaz ma kienx hemm kuntratt jew ftehim gdid dwar kif ser isiru l-hlasijiet. Dan l-element fil-fatt odjern jibdel kollox. Pjuttost din il-Qorti tikkwota b'approvazzjoni silta zghira li kienet ikkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti a fol. 246 :
*"Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal esemplie fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione : osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale".*
Ghal din ir-raguni l-Qorti qed tilqa` t-tieni aggravju.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi li permezz ta' skrittura privata datata 19 ta' Gunju 2002 redatta minn u iffirmata minn Nutar Joseph Debono l-appellanta dahlet fi ftehim mal-parti civili l-konjugi Grima fejn intrabtet li ggib Malta tifla ta' mhux aktar minn sentejn mill-Pakistan sabiex din tigi addotata minnhom.

Ghal dan l-iskop il-konjugi Grima hallsu lill-imputata s-somma ta' tlett elef lira. L-imputata rrilaxxat ircevuta u ddikjarat illi s-somma imhallsa sejra tmur ghall-spejjez medici u manteniment tat-tarbija fil-"New United Christian Foundation Home" fil-Pakistan flimkien ma spejjez legali

amministrattivi telephone ecc. Inoltre fl-imsemmija skrittura l-appellanta obbligat ruhha li tirrifondi din is-somma lil konjugi Grima kemm il-darba ghal xi raguni t-tarbija ma tinghatax u dana fi zmien xahrejn minn meta tkun innotifikathom bil-miktub illi ma kienitx sejra ggib it-tarbija. Gara pero` illi t-tarbija ma gietx u lanqas ma gew imhallsa l-flus. Dan mhuwiex ikkontestat mill-appellanta u ammettiet li t-tarbija ma waslitx Malta u lanqas ma tat lura t-tlett telef lira lil Grima, kienet pero` accettat li thallas lura din ic-cifra b'rati mensili ta' hamsin lira izda minn dan ghamlet pagament wiehed biss.

L-appellanta tghid illi ma kienitx f'posizzjoni illi tirrifondi dawn il-flus minhabba intolleranza u pressjoni illi saret fuq il-Fondazzjoni taghha fil-Pakistan. Fil-fatt quddiem din il-Qorti qalet li minhabba l-intollerenza li soffrit fil-Pakistan giet akkuzata b'"kidnapping", serq ta' tfal u theddid ta' organi biex jinbieghu lis-sinjuri.

Fil-kors tal-karriera taghha gabet disgha u tletin tfal u kollha sbau familji tajbin f'Malta. Spjegat illi l-Fondazzjoni li kellha fil-Pakistan kienet isservi bhala bazi tranzitorju sakemm it-tfal jigu addotati legalment mill-familji Maltin. Imhabba din is-sitwazzjoni zewgha spicca l-habs u patta qares ghal dan il-gest altruwistiku tieghu. Kompliet targumenta illi qatt ma appropriat flus ghaliha u wisq anqas riedet taghmel hekk ghal haddiehor. Min kien qed jaddotta u dahal f'kuntratt maghha kien jaf li l-flus kienu sejrin ghand il-"New United Christian Foundation" u kien jaf ukoll illi dan kien istitut tranzitorju sakemm it-trabi jigu Malta. Spjegat illi biex issir addozzjoni riedu jkun hemm hafna spejjez legali. L-awtoritajiet fil-Pakistan iridu jithallsu, t-tarbija trid tiekol u tintlibes sabiex dawn jigu salvati mill-karestija kbira illi hemm fil-pajjiz. L-appellanta wriet il-buona fede taghha meta fejn setghet irrifondiet il-flus u irtirat il-kuntratti. Kien zball kbira tal-Pulizija illi resquha biex twiegeb ghal dawn l-akkuzi. Kien hemm ex-Manager tal-Fondazzjoni li kien qed igib trabi f'Malta b'dokumenti ta' trabi ohra u kienet l-istess appellanta li rrapurtatu lill-Pulizija.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza specjalment is-sentenza tal-Ewwel Qorti li hija ferm studjata, bi kwotazjonijiet ta' gurisprudenza u awturi illi din il-Qorti, a skanz ta' ripetizzjoni, taghmel pjena referenza.

Il-kuncetti legali kkwotati mill-Ewwel Qorti huma korretti kif esposti minn din il-Qorti fis-sentenzi taghha "Il-Pulizija vs Pierre Falzon" tal-30 ta' April, 2010 u aktar ricenti "Il-Pulizija vs Herbert Cassar" tal-17 ta' Mejju, 2012.

Din il-Qorti tinnota illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-provi kollha illi l-appellanta gabet quddiemha. Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti. Huwa inutili illi l-appellanta taghmel referenza ghal kawzi ohra illi kellha quddiem dawn il-Qrati. Din il-Qorti tikkoncerna biss din il-kawza u l-provi illi tressqu fiha.

Min ezami tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, jidher car illi l-appellanta kienet obbligata li taghmel uzu specifikat mill-flus illi gew moghtija lilha. Dawn il-flus kellhom iservu ta' korrispettiv ghal spejjez u hlasijiet ohra li kellha taghmel sabiex l-appellanta tikkonsenja tarbija mill-Pakistan lill-konjugi Grima.

L-appellanta tidher li taf illi jista` jkun hemm xi diffikultajiet u kien ghalhekk illi ghamlitha cara illi fil-kaz li ma jirnexxilhix illi ggib it-tarbija allura l-flus jigu rifusi. *Ex admissis* l-appellanta tghid illi minhabba diffikultajiet illi qalghulha fil-Pakistan, mhux esklusa intolleranza religjuza, ma thallitx tkompli bl-inkarigu taghha sabiex iggib it-tarbija Malta, dana minkejja illi l-flus kienet tiga` baghatithom il-Pakistan, u hawn forsi qieghed il-qofol tal-kwistjoni kollha.

L-appellanta tghid illi l-Fondazzjoni li kellha fil-Pakistan kienet gestita minnha u minn zewgha, kwindi l-flus illi baghatet f'din il-Fondazzjoni baghatithom lilha stess u kienet f'posizzjoni illi tikkontrolla xi jsir minnhom.

Skont l-obbligazzjoni assunta minnha dawn il-flus kellhom imorru biss ghall-ispejjez inkorsi sabiex it-tarbija tigi trasportata Malta. Ma hemmx rendikont u la ta' kif intnefqu l-flus jew x'sar minnhom. Nafu biss illi l-flus qatt ma gew lura ghand il-konjugi Grima hlief ghal hamsin lira.

Huwa inutili illi l-appellanta ggib l-iskuza illi kienet ippersegwitata u maghkusa b'tali mod illi ma setghetx aktar taqdi l-inkarigu lilha moghti. Din mhijiex skuza.

Bhal ma kkonkludiet l-Ewwel Qorti din il-Qorti ukoll tikkonkludi li l-fatt illi hija nonostante li kienet konxja li ma setghetx iggib it-tarbija Malta zammet il-flus lilha mghoddija mill-konjugi Grima sabiex, fost affarijiet ohra, tirrizolvi l-problemi li allegat illi kellha fil-Pakistan.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-Qorti tal-Magistrati kellha raguni tikkonkludi l-mod kif ikkonkludiet.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u waslet ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, kienet ragjonevoli u legali fil-konkluzzjoni taghha, w ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata d-deskrizzjoni u konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------